MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2012

Rikors Numru. 342/2011

A B

-vs-

C D

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ippremetta:

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar it-18 ta' Settembru, 2002 u sseparaw b'kuntratt tas-27 ta' Marzu, 2008 in atti Not. Rachel Busuttil (Dok A);
2. Illi minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal u skont il-kuntratt ta' separazzjoni ebda manteniment m'hu dovut lil ebda parti;
3. Illi l-partijeit ilhom jghixu mhux flimkien mill-1 ta' Jannar 2007, ossija iktar minn erba' snin u dana stante li l-

esponenti fl-1 ta' Jannar, 2007 kienet telqet mid-dar darba ghal dejjem;
4. Illi l-esponenti tixtieq ittemm iz-zwieg taghha minn ma l-intimat C D;
Talab illi l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet kif kontratt nhar it-18 ta' Settembru, 2002, ossija tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u dan ai termini ta' l-Artikolu 66 D tal-Kodici Civili nostran;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat il-provi li tressqu;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Novembru 2011;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet lill-partijiet jixhdu;

Rat illi l-partjiet irnexxielhom jippruvaw illi ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul gew sodisfatti u dana peress illi gie ippruvat illi l-partijiet ilhom separati legalment mis-27 ta' Marzu 2008;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut mill-partijiet lil xulxin;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talba, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------